

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-15 ta' Ottubru 2009

li temenda d-Deċiżjoni 2003/467/KE dwar l-istqarrija li l-Iskozja hija uffiċjalment ħielsa mit-tuberkulożi bovina

(notifikata bid-dokument numru C(2009) 7790)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/761/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-problemi tas-saħħa tal-annimali li jaffettwaw il-kummerċ ta' annimali bovini u suwini ġewwa l-Komunità <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Anness A(l)(4) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 64/432/KEE tippovdi li Stat Membru jew parti minn Stat Membru jista' jiġi ddikjarat bħala uffiċjalment ħielsa mit-tuberkulożi bovina fir-rigward ta' merħliet bovini, suġġett għall-konformità ma' ċerti kundizzjonijiet stabbiliti f'dik id-Direttiva.
- (2) Il-listi tal-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom ddikjarati ħielsa mit-tuberkulożi bovina huma stipulati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/467/KE tat-23 ta' Ġunju 2003 li tistabbilixxi l-kwalifika ta' uffiċjalment ħielsa mit-tuberkulożi, bruċellożi u lewkożi bovina enzootika ta' xi Stati Membri u reġjuni fl-Istati Membri fir-rigward tal-merħliet bovini <sup>(2)</sup>.
- (3) Ir-Renju Unit ressaq quddiem il-Kummissjoni dokumentazzjoni li turi konformità mal-kundizzjonijiet xierqa previsti fid-Direttiva 64/432/KEE fir-rigward tat-territorju kollu tal-Iskozja sabiex dan ikun jista' jiġi kkunsidrat bħala reġjun tar-Renju Unit uffiċjalment ħielsa mit-tuberkulożi bovina.

(4) Wara l-evalwazzjoni tad-dokumentazzjoni mressqa mir-Renju Unit, it-territorju kollu tal-Iskozja għandu jiġi ddikjarat bħala reġjun tar-Renju Unit uffiċjalment ħielsa mit-tuberkulożi bovina.

(5) Id-Deċiżjoni 2003/467/KE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.

(6) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

## Artikolu 1

L-Anness I tad-Deċiżjoni 2003/467/KE hu emendat skont l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

## Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Ottubru 2009.

Għall-Kummissjoni  
Androulla VASSILIOU  
Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 121, 29.7.1964, p. 1977/64.

<sup>(2)</sup> ĠU L 156, 25.6.2003, p. 74.

## ANNEX

Il-Kapitolu 2 tal-Anness I tad-Deċiżjoni 2003/467/KE jinbidel b'dan li ġej:

**"KAPITOLU 2****Reġjuni tal-Istati Membri uffiċjalment ħielsa mit-tuberkulożi**

Fl-Italja:

- Ir-Reġjun tal-Abruzzo: Il-Provinċja ta' Pescara,
- Ir-Reġjun tal-Emilia-Romagna,
- Ir-Reġjun tal-Friuli-Venezia Giulia,
- Ir-Reġjun tal-Lombardia: Il-Provinċji ta' Bergamo, Como, Lecco, Sondrio,
- Ir-Reġjun tal-Marche: Il-Provinċja ta' Ascoli Piceno,
- Ir-Reġjun tal-Piemonte: Il-Provinċji ta' Novara, Verbania, Vercelli,
- Ir-Reġjun ta' Sardegna: Il-Provinċja ta' Oristano,
- Ir-Reġjun tal-Toscana: Il-Provinċji ta' Grosseto, Livorno, Lucca, Prato, Pisa, Pistoia, Siena,
- Ir-Reġjun tal-Trentino-Alto Adige: Il-Provinċji ta' Bolzano, Trento,
- Ir-Reġjun tal-Veneto.

Fir-Renju Unit:

- Il-Gran Brittanja: L-Iskozja."
-